# Ix-Xogħol Irreġistrat: Frar 2024

NR 133/2024 Data tal-Ħruġ: 19 ta' Lulju 2024

*Fi Frar 2024, l-impjiegi full-time żdiedu b'6.8 fil-mija, filwaqt li dawk part-time bħala impjieg ewlieni żdiedu b'4.7 fil-mija meta mqabblin ma' Frar ta' sena qabel.*



Tagħrif amministrattiv mogħti minn Jobsplus juri li, fi żmien sena, il-provvista tal-ħaddiema (esklużi l-part-timers) żdiedet b'6.8 fil-mija sabiex laħqet 286,612 (ara nota nru 5 fil-metodoloġija). Dan kien ġej l-aktar minn żieda, sena għal sena, fl-impjiegi rreġistrati full-time (18,240) u żieda fil-qgħad irreġistrat (55) (Tabella nru 1).

**Ix-Xogħol Full-Time Irreġistrat**

Fi Frar 2024, l-Attivitajiet ta' servizz amministrattiv u ta' sostenn (NACE 77-82, 3,229) u l-Attivitajiet ta' servizz tal-akkomodazzjoni u tal-ikel (NACE 55-56, 3,187) kienu l-aktar żewġ oqsma li wasslu għaż-żieda fix-xogħol full-time, meta mqabblin ma' Frar 2023 (Tabella nru 1). Ix-xogħol full-time irreġistrat fis-settur privat tela' bi 17,303 persuna għal 233,504. L-impjiegi fis-settur pubbliku żdiedu b'937 għal 52,012 (Tabella nru 2).

L-għadd ta' nies irreġistrati li jaħdmu għal rashom full-time tela' bi 839 meta mqabbel ma' Frar 2023, mentri l-għadd ta' persuni rreġistrati bħala impjegati żdiedu bi 17,401. L-irġiel li jaħdmu full-time żdiedu b'6.9 fil-mija, filwaqt li n-nisa żdiedu b'6.6 fil-mija, fuq is-sena ta' qabel (Tabella nru 2).

**Ix-Xogħol Part-Time Irreġistrat**

Fi Frar 2024, l-impjiegi rreġistrati bħala part-time żdiedu b'7.0 fil-mija meta mqabblin mal-istess xahar tal-2023. L-oqsma li l-aktar wasslu għal din iż-żieda kienu l-Attivitajiet professjonali, xjentifiċi u tekniċi (NACE 69-75, 719) u s-settur tat-Trasport u l-ħażna (NACE 49-53, 651) (Tabella nru 3).

L-għadd ta' nies li kellhom kemm impjieg part-time kif ukoll ieħor full-time laħqu it-42,278, żieda ta' 8.9 fil-mija fuq l-istess xahar fl-2023. Il-persuni li kellhom biss impjieg part-time kienu jammontaw għal 33,868, żieda ta' 4.7 fil-mija fuq l-istess xahar fl-2023 (Tabella nru 4).

## Ċart nru 1. Persuni rreġistrati b'impjieg full-time jew part-time bħala impjieg ewlieni, bix-xahar

